

# L-Importanza ta' Omm u Missier

**Artiklu ta' Pino Pellegrino mill-Bullettin Salesjan Taljan ġentilment meqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard**

**NIRRAĠUNAW**

**Il-*woodpecker*, għasfur li jixxabbat mas-siġar u jtektek b'munqaru, isalva ġildu għax iħaddem rasu. Dan jgħodd għall-bniedem ukoll. It-tiri fil-ħajja nagħmluhom billi nħaddmu moħħna. Nirraġunaw! Ħaġa perikuluża ħafna li nħallu l-boloh jirbħu huma!**

**Omm u missier:**

Il-familja llum il-ġurnata hi mhedda u jeħtieġ taffronta sfidi ibsin u spiss drammatiċi. Ħafna persuni jħossuhom diżorjentati quddiem teoriji u fatti li jaqilbu ta' taħt fuq dak li kien meqjus "normali". Bħall-possibbiltà li l-koppji omosesswali jista' jkollhom tfal.



Ritratt: John-Mark Smith from www.unsplash.com

Dan jiktbu wkoll il-Papa Franġisku: "Ħadd ma jista' jaħseb li jekk indgħajfu l-familja bħala soċjetà naturali msejsa fuq iż-żwieġ, dan ħa jiswa ta' xi ġid għas-soċjetà. Jiġri bil-maqlub: jippreġudika l-maturazzjoni tal-persuni, il-ħarsien tal-valuri komunitarji u l-iżvilupp etiku tal-bliet u l-irħula. Ma nibqgħux naraw ċar kif hi biss l-għaqda esklussiva u indissolubbli bejn raġel u mara li għandha funzjoni soċjali sħiħa, għax hi impenn stabbli u minnha jista' joħroġ il-frott fl-ulied. Irridu nagħrfu l-firxa wiesgħa ta' qagħdiet ta' familji li jistgħu joffru ċerta regola ta' ħajja, imma l-unjonijiet *de facto* jew bejn persuni tal-istess sess, biex inġibu eżempju, ma nistgħux b'mod sempliċistiku naqbdu u nqegħduhom fuq l-istess livell taż-żwieġ. L-ebda rabta temporanja jew magħluqa għat-trasmissjoni tal-ħajja ma tista' tiżguralna futur għas-soċjetà. Imma llum min qed jieħu ħsieb iwieżen lill-miżżewġin, jgħinhom jegħlbu r-riskji li qed jhedduhom, iseħibhom fir-rwol edukattiv tagħhom, iħeġġeġ l-istabbiltà tar-rabta konjugali?".

**Formazzjoni bilanċjata u armonjuża**

Il-problema hi attwali ħafna. Inkunu irresponsabbli jekk ma naffrontawhiex b'mod ċar u seren.

Mela, ħa nirraġunaw ftit. Jiġifieri, ejja nħaddmu r-raġuni, mhux il-fidi, mhux ir-reliġjon. U f'dan il-każ b'mod partikulari r-raġuni titkellem ċar: edukazzjoni mingħajr in-nisġa flimkien tal-komponent femminili u l-komponent maskili hi edukazzjoni żbilanċjata, li tagħmel ħsara lid-dritt ta' tifel jew tifla għal formazzjoni bilanċjata u armonjuża.

Insomma, hi kemm hi brava l-omm, waħidha mhix biżżejjed, u lanqas il-missier!

Kulħadd joffri l-kontribut tiegħu li jagħni l-formazzjoni tat-tifel (jew it-tifla). Naraw

Ritratt ta' fuq: Natalya Zaritskaya from www.unsplash.com